# Il-Mixja lejn il-Beatifikazzjoni ta' Sr. Adeodata Pisani



*minn* **Emily BARBARO SANT**

**Il-jum** tad-9 ta' Mejju 2001 ser jibqa' mniżżel b'ittri tad-deheb fl-istorja ta' Malta. Dakinhar il-Q.T. il-Papa Ġwanni Pawlu II, waqt pellegrinaġġ fuq il-passi ta' San Pawl, li nbeda fil-Greċja, tkompla fis-Sirja u ntemm f'Malta, ibbeatifika lil tlieta minn ħutna Maltin. Dawn kienu Sr. Adeodata Pisani, Dun Ġorġ Preca u l-Kjeriku Nazju Falzon.

Kienet ġrajja unika u sabiħa li l-poplu Malti kien qed jistenna bil-ħerqa. Il-folla ta' nies li nġabret minn kmieni fuq il-Fosos tal-Floriana biex tassisti għal din il-ġrajja, kienet waħda immensa. Biex tkompli tħeġġeġ in-nies tattendi, ħarġet ġurnata ferm sabiħa, b'xemx tisreġ li saħħnet, kważi żżejjed, ir-ras ta' min ma ħax ħsieb jgħattiha.

Il-poplu preżenti fi Pjazza San Publiju feraħ u ċapċap bil-qalb hekk kif il-Q.T. il-Papa ddikkjara lit-tliet qaddejja t'Alla, bħala Beati, u l-kwadri bix-xbihat tagħhom inkixfu. Kien mument ta' glorja lil Alla f'dawn il-qaddejja Tiegħu li tul ħajjithom għexu l-virtujiet Teologali tal-fidi, tama u imħabba, fil-perfezzjoni tagħhom, b'mod erojku. Kien mument ta' glorja għall-Knisja f'Malta li tul 2000 sena ta' Kristjaneżmu, dejjem magħquda ma' Ruma, kien għad ma kellhiex Beatu jew Qaddis kanonizzat tagħha. Kien mument ta' glorja wkoll għal min ħadem b'dedikazzjoni kbira biex tul ammont ta' snin, wassal lil dawn it-tliet kandidati għall-Beatifikazzjoni.



*Tifkira tal-Beatifikazzjoni ta' Sr. Adeodata Pisani, Dun Ġorġ Preca u l-Kjeriku Nazju Falzon fil-Knisja Arċipretali tal-Mosta fl-okkażjoni tal-Papa Ġwanni Pawlu II f'Malta f'Mejju 2001.*
*(ritratt: Victor B. Caruana)*

Il-mixja għall-Beatifikazzjoni ta' kandidat mhix faċli. Anzi wieħed ikun aktar korrett jekk jgħid li hija mixja diffiċli u li tinħtieġ dedikazzjoni, impenn, xogħol u sagrifiċċju. Hija esperjenza li meta wieħed jgħaddi minnha u jwassalha sat-tmiem tagħtih sodisfazzjon; mhux għalih biss imma għax bil-ħidma tiegħu u, naturalment, bil-għajnuna sħiħa t'Alla, ikun qiegħed ipoġġi quddiem il-poplu t'Alla mudell biex l-istess poplu jimxi fuqu bħala eżempju.

X'għamlu dawn in-nies u oħrajn bħalhom biex xerqilhom dan l-għarfien? Għexu l-vokazzjoni li Alla l-Imbierek sejħilhom għaliha, bir-reqqa kollha; fil-każ tal-Beata M. Adeodata Pisani, bil-ħajja klawstrali fil-Monasteru ta' San Pietru, fl-Imdina.

## MIN KIENET M. ADEODATA PISANI?

M. Adeodata Pisani kienet soru Benedittina li għexet u mietet fil-qdusija. Hija twieldet Napli fid-29 ta' Jannar 1806, bint waħdanija tal-baruni Malti Benedetto Pisani Mampalao u Vincenza Carraro. Fil-magħmudija ngħatat l-isem ta' M. Tereża. Minħabba l-ħajja frivola li kien jgħix il-baruni Benedetto, martu ma riditx tgħix aktar miegħu u nfirdu. Hija bagħtet lil bintha tgħix ma' nanniktha paterna li kienet toqgħod ir-Rabat, Malta. Għexet magħha sakemm kella 10 snin, meta imbagħad kellha terġa' tittieħed lura lejn Napli għax nannitha mietet. In-nanna kienet tħobbha ħafna, ħadet ħsiebha sewwa u ħallietha werrieta tal-ġid kollu tagħha li ma kienx ftit.

## IL-VOKAZZJONI TA' M. TEREŻA

M. Tereża kienet qed tikber u ommha bdiet taħseb ma' min ser iżżewwiġha. Riedet tlaqqagħha ma' xi ħadd tat-tajjeb. Fost dawn kien hemm żagħżugħ li riedha iżda hekk kif induna li kellha difett fiżiku fi spallitha, telaqha u żżewweġ oħra. M. Tereża ma nkwetatx għax hi ma

riedet lil ħadd bħala għarus tagħha għajr lil Ġesù. Din l-attitudni ma niżlet xejn tajjeb ma' ommha u reġgħet ħaditha Napli għal sena biex forsi tbiddel fehmitha. Iżda ma kienx il-każ. Il-ħajra li tidħol soru baqgħet magħha f'Napli. M. Tereża baqgħet bl-istess fehma li tidħol soru.

Sadanittant missierha, il-baruni Benedetto, inqabad f'rewwixta u minħabba li kien ċittadin Malti, intbagħat lura Malta. M. Tereża reġgħet sabet ruħha Malta. Kienet tħobb tmur titlob fil-Knisja ta' S. Marija ta' Ġesù u f'dik ta' San Mark, ir-Rabat. Darba minnhom, hekk kif kienet għarkupptejha quddiem il-kwadru tal-Madonna tal-Bon Kunsill fil-Knisja ta' l-Agostinjani, dehrilha li semgħet leħen jgħidilha: "Postok hu fil-Monasteru Benedittin ta' San Pietru, l-Imdina".


*Sr. Adeodata Pisani*

M. Tereża kienet żgura li din kienet is-sejħa ta' Alla għaliha; li tkun soru tal-klawsura fil-Monasteru ta' San Pietru. Hija għamlet il-proċeduri meħtieġa, intalbu l-permessi kollha, ġiet aċċettata, u fi ftit żmien ingħaqdet mas-sorijiet Benedittini ta' l-Imdina. Hija ngħatat l-isem ta' ADEODATA li jfisser "mogħtija kollha kemm hi lil Alla". Isem li vedru xerqilha għax kienet mogħtija kollha kemm hi lil Alla anke fil-prattika.

Kif kienet l-użanza, hija ddisponiet mill-wirt kbir li mess lilha. L-ewwel ma għamlet kien li ħallset id-dejn li kellu missierha; għenet ġuvintur u xebbiet li kellhom is-sejħa tal-vokazzjoni reliġjuża iżda ma kellhomx flus biex jilħqu dan il-għan. Għamlet donazzjoni għall-ħtiġijiet tal-Monasteru u żammet ammont sostanzjali għaliha (dan kien permess), biex tkun tista' tqassam għall-karità. L-Em.T. il-Kardinal Francis Arinze f'omelija li għamel fuq Adeodata qal: "Adeodata kienet fiżikament soru tal-klawsura magħluqa bejn erba' ħitan tal-Monasteru, iżda qalbha kienet barra, ma' dawk fil-bżonn".

Tgħid kienet din it-tixbiha li wasslet lill-Kav. Paul Camilleri Cauchi li jpitter kwadru mill-isbaħ li juri l-kariżma ta' M. Adeodata Pisani? Hija ħasra li kwadru bħal dak tneħħa mill-Knisja tal-Monasteru fejn kienu jarawh, japprezzawh u wkoll, jitħajru jimitaw lil Adeodata fil-karizma tagħha, in-nies li jidħlu fil-Knisja biex jinvistaw is-Sagrament. Dan issa ddendel ġewwa, moħbi fil-Monasteru fejn jarawh biss is-sorijiet!!

## ĦAJJITHA FIL-MONASTERU

Sr. M. Adeodata Pisani għexet fil-Monasteru ta' San Pietru ta' l-Imdina, għal kważi 27 sena li fihom okkupat il-kariga ta' purtinara, sagristana, Maestra tan-novizzi u anke Badessa. Sa' mill-bidu, Sr. Adeodata ma qablitx mad-distinzjoni ta' klassi bejn soru u oħra fl-istess Komunità. F'dan, hija sabet l-appoġġ ta' l-Isqof, imma naturalment mhux ta' sħabha li kienu ġejjin minn klassi għolja tas-soċjetà. Iżda ma qatgħetx qalbha u bit-talb u bil-perseveranza waslet.

Kienet tgħin lil sħabha s-sorijiet billi kellha dejjem magħhom kelma ħelwa, b'pariri siewja, bi twissija fejn kien ikun meħtieġ; dan dejjem bil-ħsieb li tressaqhom lejn Alla ħalli jagħrfuH u jħobbuH aktar. Bil-mod kif kienet issegwi r-Regola ta' San Benedittu '*Ora et labora*' (Itlob u aħdem), b'reqqa kbira, hija ġibdet l-ammirazzjoni ta' sħabha għalkemm kien hemm ukoll min kultant kien jgħir għaliha. Iżda, fil-maġġoranza tagħhom kienu jħobbuha għax kienu jaraw fiha soru twajba, eżemplari, sensittiva għall-ħtiġijiet ta' ħaddieħor, issofri ma' dawk li kienu qed isofru, imma imbagħad taf iżżomm kontroll fuqha innifisha.

Min-naħa tagħha, Sr. M. Adeodata ma kinitx mara b'saħħitha u l-karità mal-foqra li kienet tagħmel, saħansitra anke tagħtihom l-istess ikel tagħha u hi tieħu biss il-dal, wassalha biex tiddebolixxi ruħha. Saħħitha kompliet iddgħajfet. Dan deher b'mod mill-iktar ċar meta waqt l-eżumazzjoni tal-fdalijiet tagħha, il-tabib forensiku Anthony Abela Medici, stqarr li l-fdalijiet tagħha li nstabu (il-kranju u r-*radius*) kienu ta' bniedma malnutrita. Mingħajr ma kien jaf, Dr. Abela Medici kkonferma dak li ntqal fix-xhieda li Sr. Adeodata kienet tiekol il-fdal.

Meta kien ikollha s-sogħla u s-sorijiet kienu jagħmlulha l-għasel, hija kienet tagħtih lil xi omm fqira għal uliedha u hi tieħu biss dak li jibqa' mċarċar mal-kikkra. Dawn il-virtujiet tagħha ġew innutati minn sħabha s-sorijiet ġewwa l-Monasteru, imma l-karità materjali l-oħra li kienet tagħmel mal-foqra u l-għajnuna spiritwali li kienet tagħti lil dawk li kienu jfittxuha għall-pariri, kienu ġew innutati min-nies ta' barra. In-nuqqas ta' ikel kompla dgħajjef lil saħħitha u mietet fl-età ta' 48 sena fil-25 ta' Frar 1855 - id-data li ħabbret hi stess!

Hekk kif ġriet l-aħbar li Sr. Adeodata mietet, in-nies bdiet tgħajjat fit-toroq: "Mietet il-qaddisa". Ftit wara li mietet hija dehret lill-Badessa u talbitha biex il-flus li ħalliet hi f'post partikolari jingħataw lill-foqra. M. Adeodata Pisani kellha ħafna għal qalbha l-Ewkaristija, lill-Madonna u lil San Ġużepp. Fid-djarju tagħha "Il-Ġnien tar-Ruħ Kollha Mħabba" nsibuha tikteb fih l-aktar fil-festi tal-Madonna. Fost l-isbaħ insibu miktub minnha

hekk: "Billi qalbi hi żgħira wisq biex tħobb biżżejjed lil Ġesù u lil Marija, il-padruni assoluti ta' ruħi, il-Mulej għoġbu jurini kif nista' nasal. Inħobb lil Ġesù bil-qalb ta' Marija u lil Marija bil-qalb ta' Ġesù".

## BIDU TAL-PROĊESS TAL-KAWŻA

37 sena wara l-mewt ta' Adeodata, inbeda Proċess Djoċesan dwar il-qdusija tagħha. Bdiet tinstema' x-xhieda ta' dawk li kienu jafuha jew semgħu dwarha. Fid-29 t'April 1898, il-Q.T. il-Papa Ljun XIII iddikjara lil Sr. M. Adeodata Pisani bħala Venerabbli.

Il-ħidma fuq il-Kawża tagħha tkompliet. Dak iż-żmien kien hawn ħafna devozzjoni lejn din is-soru qaddisa; imma fis-26 t'Ottubru 1900, il-Postulatur Carinci kellu jwaqqaf il-ħidma fuq il-Kawża billi s-sorijiet ma kellhomx flus x'jibgħatulu. Minn dakinhar saru xi attentati oħra biex il-Kawża ta' M. Adeodata Pisani titkompla imma kollha fallew.

## JAĦTRUH KOORDINATUR

Kien f'nofs l-1989 li l-Komunità Benedittina ta' l-Imdina nkarigat lill-Markiż Arthur Barbaro-Sant biex jara x'jista' jagħmel fuq din il-Kawża. Ħatritu Koordinatur fis-16 ta' Lulju ta' dik is-sena. Dan l-inkarigu mogħti lilu ma kienx faċli għax dwar dawn il-proċeduri ma kien jaf xejn, u ħadd minn Malta ma seta' jagħtih informazzjoni korretta.

Kien Mons. Injazju Sciberras Psaila, eks Prepostu ta' Birkirkara, li ntroduċih ma' l-Em.T. il-Kardinal Pietro Palazzini li kien għadu kif irtira minn Prefett tal-Kongregazzjoni għall-Kawżi tal-Qaddisin f'Ruma li wrieħ pass, pass x'għandu jagħmel. L-ewwel ma kien meħtieġ kien li jinstab Postulatur (dan seħħ fil-persuna tal-Prof. Padre Ernesto Piacentini OFM Conv.), l-avukat (Dott. Enrico Venanzi) u r-Relatore (Mons. Josè Luis Gutierrez).

## TIXRID TA' DEVOZZJONI

Kien meħtieġ ħafna li f'Malta terġa' titqajjem id-devozzjoni lejn M. Adeodata Pisani, billi wara daqstant snin wieqfa, għajr fil-Monasteru u ma' xi anzjani fl-inħawi, kienet intesiet għal kollox.

Il-Markiż Arthur Barbaro-Sant mexa mill-bidu nett fuq pariri mogħtija lilu minn Ruma. Bil-għan li tinxtered id-devozzjoni lejn Adeodata, beda jorganizza funzjonijiet u laqgħat ta' talb, l-ewwel fil-knisja tal-Monasteru u imbagħad fil-Parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex. Żar Każini tal-baned, skejjel, Għaqdiet reliġjużi u oħrajn, ta taħdidiet lit-tfal tad-Duttrina u lill-anzjani, organizza grupp li jżur l-isptarijiet b'mod regolari, eċċ. Ippubblika l-ħajja fil-qosor ta' Adeodata ħalli l-poplu jsir jaf min hi u aktar tard ippubblika wkoll id-Djarju tagħha li hu minjiera għal min iħobb jagħmel il-meditazzjoni. Tqassmu eluf kbar ta' santi bit-talba tagħha.

Dejjem bil-għan li jikber l-għarfien lejn Adeodata, il-Markiż Barbaro-Sant ħajjar lill-Gvern joħroġ Bolla Kommemorattiva tagħha u ġew imsemmijin ukoll żewġ toroq għaliha, waħda fil-Mosta u l-oħra fil-Qala, Għawdex. Huwa ħajjar lis-sur Lino Grech biex jikteb *play* dwar Adeodata. Ittellgħu tliet rappreżentazzjonijiet fl-Istitut Kattoliku li kienu suċċess. Apprezzata ħafna l-aktar mill-morda u dawk li jieħdu ħsiebhom kienet il-Quddiesa ta' kull xahar li kienet tixxandar minn fuq Radju Malta Nazzjonali li fiha kien ikun hemm ħsieb spiritwali dwar Adeodata; kif ukoll Quddiesa ta' spiss fuq TVM.

## ĦIDMA F'RUMA

Din il-ħidma kollha ma tellfitux milli jżomm għajnejh fuq ix-xogħol li kien qed isir f'Ruma - fil-preparazzjoni tad-dokumenti. Meta dawn kienu lesti għall-istampar, il-Markiż Barbaro-Sant talab u qala' l-permess biex id-dokumentazzjoni kollha magħrufa aħjar bħala l-*POSITIO SUPER VIRTUTIBUS* tiġi stampata f'Malta. Il-permess ġie mogħti lilu. Il-*Positio Super Virtutibus* ġie stampat għand l-*A & M Printing Ltd.*, tal-Qala, u b'hekk ġew iffrankati eluf kbar ta' liri. U dan il-pass fetaħ it-triq għall-Kawżi oħra.

Malli tlesta, dan ix-xogħol ġie ppreżentat fil-Kongregazzjoni għall-Kawżi tal-Qaddisin f'Ruma. Din id-data, ukoll memorabbli, kienet is-17 ta' Jannar 1995. Dakinhar il-Kawża ta' Adeodata Pisani kienet lesta għad-diskussjoni. Ftit xhur wara kien stampat u ppreżentat ukoll il-*Positio* abbinat mal-Kawża ta' Adeodata.

Issa li dan ix-xogħol kien lest u ppreżentat, u d-devozzjoni lejn il-Ven. A. Adeodata Pisani kienet mifruxa ma' Malta u Għawdex, kien jonqos li wieħed "iħabbat (f'Ruma) biex jifthulu". U l-Markiż Barbaro-Sant hekk għamel. Kardinal, li ftit qabel kien Sotto Segretarju, kien infurmana li kienet ix-xewqa espressa tal-Q.T. il-Papa preżenti li dawk il-pajjiżi li ma kellhomx Beatu jew Qaddis tagħhom kellhom jingħataw preċedenza basta x-xogħol kollu jkun lest.

Il-Kawża ta' Adeodata kienet f'dan l-istadju. Ix-xogħol kollu kien lest u f'Malta ma kellniex Beati u/jew Qaddisin kanonizzati. Mela kien jonqos biss li ssir ċerta pressjoni fuq din ix-xewqa tal-Papa fil-Kongregazzjoni biex il-Kawża ta' Adeodata ma tibqax tistenna għexieren ta' snin.

## IL-FUNDAZZJONI ADEODATA PISANI

Minħabba li Adeodata Pisani ma kinitx xi fundatriċi ta' xi Ordni, jista' jiġri li jgħaddi ż-żmien u tintesa. Kien minħabba dan li l-Markiż Barbaro-Sant ġie mogħti parir minn awtoritajiet f'Ruma b iex iwaqqaf xi istituzzjoni li tkompli tfakkar il-kariżma ta' din is-soru qaddisa li tat ġidha kollu għall-fqar u għal dawk fil-bżonn. B'hekk tnisslet il-FUNDAZZJONI ADEODATA PISANI - Fundazzjoni lajka li twaqqfet bil-għan li tippromwovi

l-kariżma ta' Adeodata - l-imħabba ta' Alla u tal-proxxmu.

Fil-bidu, il-Komunità Benedittina ta' l-Imdina aċċettat it-twaqqif tagħha imma wara li ngħataw lilhom xi pariri kontra mill-Kurja ta' Malta, huma rtiraw l-appoġġ tagħhom. Dan ħoloq nuqqas ta' ftehim bejn il-Markiż Barbaro-Sant bħala Koordinatur u l-Komunità Benedittina b'riżultat li dawn ġew mogħtija parir biex jibdlu l-Koordinatur; kif fil-fatt ġara.

Din l-azzjoni waqqfet għal kollox il-ħidma għat-tixrid tad-devozzjoni lejn il-Ven. Adeodata li l-Markiż Barbaro-Sant kien jagħmel; waqqfet għal kollox kull ġbir għall-Kawża - ħaġa li l-poplu kien jagħmel mill-qalb. Hawn tajjeb ta' min jgħid ukoll li l-awtoritajiet f'Ruma riedu li jsir dan il-ġbir minn kulħadd biex kulħadd ikollu sehem mill-proċess tal-Kawża, anke dak finanzjarju.

Minkejja li l-Kawża f'Ruma ma marritx lura fil-*waiting list* għall-Beatifikazzjoni, imma l-inkwiet li l-Markiż Barbaro-Sant ġie mġiegħel isofri ħtija tat-tneħħija tiegħu kienet għalih ta' ħsara kbira għal saħħtu; kidditu ħafna għax mhux biss tneħħa (u dan wara li lesta x-xogħol kollu) imma talli ġie mpinġi quddiem il-poplu qisu xi wieħed li approfitta ruħu mill-Kawża, meta ma kienx il-każ. Hija reazzjoni għal kollox naturali li l-bniedem jinkwieta meta jara li "s-sodda li jkun firex b'ħafna xogħol, tbatija u sagrifiċċji ddaħħal fiha ħaddieħor" li ma kienx refa' sebgħu. Il-Markiż Barbaro-Sant qatt ma fittex l-unuri imma żgur li ma ppretendiex trattament bħal dan għall-ħidma tiegħu, l-aktar minn min suppost fehem u apprezza dak li kien għamel.

## *KAWŻA ĊIVILI KONTRIH*

Mhux talli xogħlu ma kienx apprezzat talli għax waqqaf Fundazzjoni lajka biex tippromwovi l-kariżma ta' M. Adeodata Pisani, il-Markiż ġie mtella' l-Qorti u nfetħet Kawża Ċivili kontrih, kontra l-Kunsill tal-Fundazzjoni Adeodata Pisani mill-Kurja li għadha sejra. Dan kien dispjaċir kbir għalih li baqa' sakemm fnieh.

Minkejja t-tneħħija tiegħu minn Koordinatur tal-Kawża ta' Adeodata, huwa kompla jaħdem, għaliex il-viżjoni tiegħu kienet ċara u kien konvint li ma kien qed jagħmel xejn ħażin, minn ħdan il-Fundazzjoni Adeodata Pisani, għax ried li l-kariżma ta' Adeodata tibqa' tintwera b'mod prattiku. Fost l-għanijiet ta' din il-Fundazzjoni lajka, insibu li għandha tingħata għajnuna lil dawk it-tfal imwielda bi *Spina Bifida*. B'kollaborazzjoni sħiħa ma' l-Isptar *Gemelli* u l-Università Kattolika tal-Qalb ta' Ġesù, diġà gawdew xi tfal li ħajjithom kienet destinata għal ġo siġġu tar-roti.

L-inkwiet jibqa' sakemm lill-bniedem imermru. Hekk ġralu l-Markiż Barbaro-Sant. Fid-19 ta' Jannar 2001, ruħu ttajret għal ħdan il-Mulej fejn żgur li ngħata l-premju tal-ħidma filantropika tiegħu. Minn hemm huwa kompla jaħdem bla aktar tfixkil biex Malta jkollha l-Beata tagħha. U kif qalli tajjeb Mons. Josè Luis Gutierrez (*Relatore* tal-Kawża ta' Adeodata) f'biljett ta' kondoljanzi li bgħatli hekk kif wasslitlu l-aħbar tal-mewt ta' Arthur: "*Io sono certo che Adeodata per la quale lui si era dato tanto da fare, era ad attenderlo alla porta per farlo entrare senza bussare*". Bil-Malti: "Jiena żgur li Adeodata li għaliha huwa ħadem ħafna, kienet qed tistennih ħdejn il-bieb biex iddaħħlu mingħajr ma kellu bżonn iħabbat".

Kliem bħal dan ħiereġ minn qalb ta' bniedem li lejh kellu stima kbira, rispett u ammirazzjoni, għalkemm ma jġibx lill-għażiż tiegħek li tkun tlift, lura, imma żgur li huwa ta' konsolazzjoni u għajnuna u appoġġ morali. Jiena nħoss konsolazzjoni wkoll meta niftakar li kien ilu jaf li l-Beatifikazzjoni ta' Adeodata ser isseħħ mit-22 ta' Diċembru 2000. L-awtoritajiet f'Ruma li magħhom ħdimna tul is-snin fil-mixja tal-Beatifikazzjoni ta' Adeodata Pisani, minkejja kollox, baqgħu jirrispettawna u jinfurmawna bl-iżvilupp importanti fil-Kawża il-Beatifikazzjoni.

Arthur Barbaro-Sant illum m'għadux fiżikament magħna għax il-Mulej għaġbu jsejjaħlu għal għandU biex jagħtih il-premju misthoqq. Ismu ma jistax jintesa għax kien hu li bil-ħidma kbira li wettaq marbuta dejjem ma' l-għajnuna ta' Alla li ma kien jehda qatt jitlob għaliha, wassal biex Alla l-Imbierek ikun gglorifikat



*L-awtriċi ta' dan l-artiklu, is-sinjura E. Barbaro-Sant, flimkien mal-mibki iżda qatt minsi, żewgħha Arthur, waqt intervista fl-uffiċċju tal-Kawża Kanonizzazzjoni M. Adeodata Pisani, anness mal-Monasteru San Pietru ta' l-Imdina, f'April 1996.*
*Dan l-uffiċċju kien ġie rranġat mid-ditta Vassallo Builders li ċ-chairman tagħha huwa l-President tas-Soċ. Fil. Nicolò Isouard stess, is-sur Nazzareno Vassallo.*

permezz tal-qaddejja Tiegħu M. Adeodata Pisani u Malta jkollha l-Beata tagħha.

Il-kwantità kbira ta' nies li mlew ir-Rotunda tal-Mosta għall-funeral tiegħu u t-38 saċerdot li kkonċelebraw, huma xiehda ħajja tar-rispett li kien igawdi. Attendew nies minn kull livell tas-soċjetà, inklużi nies b'diżabilità fiżika li għalihom kien ta' għajnuna. Dan wera wkoll bl-aktar mod ċar kemm kien maħbub. Il-Kanonku Dun Anton Gouder, illum Rettur tas-Seminarju, l-għada tal-funeral ċempilli u qalli: "Mhux Quddiesa ta' funeral kellu, imma Quddiesa ta' festa kif kien jixraqlu". Dan il-kliem, flimkien ma' apprezzamenti numerużi oħra li rċevejt, kienu għalija u għall-familja kliem ta' konsolazzjoni kbira.

Bħala Koordinatur għall-Kawża ta' M. Adeodata Pisani, huwa dejjem fittex li jaħdem b'intenzjoni retta u b'determinazzjoni sħiħa li jwassalha fi tmiemha. Ix-xogħol tiegħu mhux dejjem kien miftiehem minn uħud minn ħutu l-bnedmin, imma dan żgur ma jnaqqaslux mill-merti quddiem Alla li jaf jagħraf il-ħsibijiet l-aktar profondi tagħna.

Nitolbu għalih biex Alla l-Imbierek, jekk mhux diġà ppremjah għalkemm-il darba ra wiċċu fil-batut u għenu. Propju xi nofs siegħa qabel il-Mulej sejjaħlu għal għandU, kien qed jitkellem bit-telefon ma' speċjalista ta' l-għajnejn u jitolbu l-għajnuna għal xi ħadd li kien bżonnu imma li ma setax iħallsu. Għal rimarka li għaddejtlu jiena, hu weġibni: "Jiena fil-batut nara wiċċ Kristu".

*Agħtih, O Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem, u lilna s-sabar li tant neħtieġu.*

*21 ta' Marzu 2002.*



# Lira Family

*289B, Main Street, Mosta*

Tel: 2142 0774

# Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard

*204, Triq il-Kbira, Mosta*

## Kiri ta' siġġijiet
## għal kull okkażjoni
## u Kiri ta' qniepen tat-tiġijiet

*Tel: 2143 2179 • Tel/Fax: 2143 1898*